MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 18/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Incorvaja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 t'Ottubru, 2005, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data sa mis-sena 1998, f'dawn il-Gzejjer, bhala sid tal-vettura numru DBD-564 ta' ghamla Peugeot 405, naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (licenzja tal-vettura mhux imgedda), kif ukoll bhala ufficjal pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu d-dmir li

jissorvelja li dan ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir li jimpedixxi li jsir.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2006, li biha, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 ta’ Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- li l-Ewwel Qorti lliberat billi, wara li semghet il-provi w cioe’ lir-rapprezentant tal-Licencing Department jghid li l-licenzja kienet skaduta, flimkien mal-provi li l-appellat kien membru tal-Korp tal-Pulizija, qalet li l-kaz ma giex pruvat. Jidher li l-Ewwel Qorti giet influwenzata mil-fatt li ma saritx il-prova li l-vettura kienet tintuza fit-triq minkejja li l-istess vettura kienet ipparkjata fit-triq. Hu ghalhekk ghamel riferenza ghar-regolamenti dwar ir-registrazzjoni w Licenzjar ta’ vetturi bil-mutur L.S. 65.28 Artikoli 14(1) u 15 (3). Ghalhekk din id-decizjoni ma kienetx korretta.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tal-appellat tat-2 ta’ Marzu, 2006 li bih hu eccepixxa n-nullita’ tar-rikors tal-appell ghax hu bazat fuq l-artikolu 413 (1)( c ) tal-Kap.9 li mhux applikabbli ghall-kaz. Li l-piena ghar-reat ta’ nuqqas li wiehed jara li f’ kull zmien il-karozza jkollha licenzja mahruga mill-Kummissaju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta (il-licenzja mhux imgedda) hu wiehed ta’ natura kontravvenzjonali u dan bla pregudizzju ghall-fatt li jekk ir-reat imputat hux reat fil-fatt. Eccepixxa ukoll illi l-aggravji mhumiex cari.**

**Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2006 li bih Dr. Stephen Tonna Lowell ghal-prosekuzzjoni talab korrezzjoni fir-rikors tal-appell biex fil-paragrafu tal-aggravji jithassaar il-kliem *"ai termini …tal-Kodici Kriminali"***

**Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Robert Abela ghall-appellat iddikjara li l-appellat ma jikkontestax li fiz-zmien tal-imputazzjoni hu kien membru tal-Korp tal-Pulizija kif ghadu sal-lum.**

**Rat il-verbal tal-istess seduta li biha l-appellat issolleva l-inkompetenza tal-Qorti tal-Magistrati biex tiddeciedi din il-kawza.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid ta' l-Ispettur Kenneth Haber u Christopher Darmanin;**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Marzu, 2006;**

**Rat in-Nota responsiva tal-appellat tas-16 ta' Marzu, 2006;**

**Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tas-27 ta' Marzu, 2006, li bih talab li jipprezenta nota ulterjuri**

**Rat id-Digriet taghha tad-29 ta Marzu, 2006, li bih din il-Qorti laqghet it-talba;**

**Rat ir-risposta ulterjuri tal-appellat tal-10 t' April, 2006.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Li fl-ewwel lok din il-Qorti tara li ghandha tipprovdi dwar it-talba verbali maghmula mill-Avukat Generali sabiex issir il-korrezzjoni fir-rikors tal-appell. Illi kif tajjeb irrileva l-abbli prosekutur, l-Avukat Generali mhux obbligat bil-ligi li jiccita l-artikolu tal-ligi li tahtu jkun qed jintavola appell u ghalhekk proprjament ir-riferenza ghall-artikolu 413 (1) (c), anki jekk kienet**

**zbajata, kienet superfluwa fir-rikors. Illi tali korrezzjoni ghalhekk bl-ebda mod ma tmur kontra d-dispost tal-artikolu 175 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) rez applikabbli bl-emenda recenti tal-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li issa dahlet in vigore. Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-Avukat Generali u tordna li fir-rikors tal-appell , fir-raba' paragrafu, jithassru l-kliem : *"ai termini tal-artikoilu 413 (1) ( c) tal-Kodici Kriminali".***

**Ikkonsidrat;**

**Li la darba issa giet effettwata din il-korrezzjoni, l-ewwel eccezzjoni tal-appellat dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell, anki kieku kienet gustifikata, tigi bla ebda bazi w ergo qed tigi respinta.**

**Di fatti skond l-artikolu 63 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta , l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Avukat Generali ikollu dejjem il-jedd li jappella lil din il-Qorti minn kull decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati dwar procedimenti li jinqalghu mid-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Ghalhekk l-appell hu perfettament ritwali.**

**Li ghar-rigward tal-eccezzjoni li l-aggravji tal-appell mhumiex cari, apparti li dan mhux il-kaz, in-nullita' tal-appell hi ravvizata biss meta r-rikors tal-appell ma jkunx fih ir-ragunijiet ossia l-aggravji tal-appell u mhux meta dawn jinkitbu b' mod mhux car. F' dan il-kaz ir-rikors tal-appell jiddedika paragrafu, sia pure qasir, ghall-aggravji u ghalhekk ma hemm ebda nullita' tar-rikors . Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi respinta.**

**Ikkonsidrat;**

**Li dwar l-eccezzjoni sollevata fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2006, li tirrigwarda l-inkompetenza tal-ewwel Qorti, hu pacifiku bejn il-partijiet – kif jidher mill-iskambju tan-noti fuq riferiti - li r-reat addebitat lill-appellat kien jaqa' taht il-kompetenza esklussiva tal-**

**Kummissarju tal-Gustizzja skond l-artikolu 3 (3) tal-Kap.291 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li l-addebitu taht l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, ma jikkontemplax reat *ut sic* , izda semplici cirkostanza aggravanti li f' dan il-kaz ma tvarjax u ma teffettwax il-kompetenza esklussiva tal-Kummissarju tal-Gustizzja. Ghalhekk hemm qbil li l-Ewwel Qorti kienet inkompetenti li tisma' w tiddeciedi dan il-kaz.**

**L-Avukat Generali pero' fin-nota tieghu tas-27 ta' Marzu, 2006, qed jinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 428 (2) tal-Kodici Kriminali , fis-sens li jekk tali eccezzjoni ma tkunx inghatat quddiem il-Qorti Inferjuri, kif jidher li gara f' dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax tali eccezzjoni. Inoltre jissottometti li fl-aghar ipotesi, n-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti ma tista' qatt twassal ghall-liberazzjoni mill-akkuzi izda biss ghall-annullament tas-sentenza w r-remissjoni ta' l-atti lill-Kummissarju ghall-Gustizzja ghall-prosegwiment tal-kawza skond l-artikolu 428 (1).**

**Illi mill-banda l-ohra l-appellat jobbjetta li l-artikolu citat mill-Avukat Generali mhux applikabbli f' dan il-kaz ghax hawn non si tratta ta' konflitt ta' kompetenza bejn Qorti u ohra imma bejn Qorti w t-tribunal tal-Kummissarju ghal-Gustizzja, li mhux Qorti , kif jidher mill-artikolu 10 (1) tal-Kap.291.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi milli jidher pero' liz-zewg partijiet sfuggielhom l-import tal-artikolu 8 tal-Kap.291 li jghid testwalment hekk :-**

"Id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali dwar proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati japplikaw mutatis mutandis ghall-proceduri quddiem il-Kummissarju u riferenza maghmula ghal dik il-Qorti f' dak il-Kodici ghandha, ghall-finijiet kollha tal-ligi , titqies li hija riferenza maghmula ghall-Kummissarju."

**Illi konsegwentement hu applikabbli ghal dan il-kaz dak li jiddisponi l-artikolu 428 (2) u cioe' la darba l-eccezzjoni tal-inkompetenza ma nghatax mill-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ma tistax tinghata b' success f' dan l-istadju. Konsegwentement din l-eccezzjoni tal-appellat qed tigi respinta.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-mertu, rrizulta mid-depozizzjoni ta'** Christopher Darmanin **li l-vettura DBD 564 , kienet tghajjat lill-appellat u l-licenzja taghha skadiet f' April, 1998. Kienet umbaghad giet imgedda biss fid-19 ta' Jannar, 2006 bil-hlas tal-arretrati. Ghalhekk isegwi li mill-1998 'l hawn sad-19 t' Ottubru, 2005 – id-data imsemmija fil-kompartixxi - l-appellat kien naqas li jara li l-car tkun licenzjata. Mix-xhieda tal-**Ispettur Kenneth Haber **umbaghad irrizulta li l-appellat huwa membru tal-Korp tal-Pulizija. Irrizulta ukoll fl-istadju tal-appell li l-appellat kien qal lill-Ispettur li qabel il-car kienet fil-garage u li hu kellu johrogha mill-garage fit-triq ghax kien qed jaghmel xi xoghol fil-garage.**

**Id-difiza tal-appellat qed targumenta li ladarba ma saritx il-prova li l-vettura kienet qed tintuza fit-triq allura ma tistax tirrizulta l-ewwel imputazzjoni.**

**Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Rita Mallia**" [6.1.2005] li *"din il-Qorti pero' ma tarax li biex tirrizulta din l-imputazzjoni hemm bzonn li ssir il-prova li fil-fatt il-vettura kienet qed tinsaq fit-triq. L-imputazzjoni hija li ma ratx li l-vettura jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, irrispettivament jekk din tintuzax fit-triq jew le. Jekk sid ta' vettura ma jkunx behsiebu jaghmel uzu minn vettura w allura ma jkunx irid ihallas il-licenzja, jista' jsegwi l-procedura li jiggaraxjha, jirritorna l-pjanci tan-numri, u jimla l-"garaging form" relattiva. Jekk ma jaghmilx din il-procedura, jitqies li l-vettura qed tintuza w ghalhekk trid tkun koperta b'licenzja. Illi bil-fors li hekk trid tigi interpretata l-ligi, ghax altrimenti***

***ikun hemm min ghax forsi ma juzax il-vettura ta' spiss jew kwazi qatt, jiehu r-riskju li ma jhallasx il-licenzja ghax ic-"chances" li jinqabad biha fuq it-triq ikunu zghar."***

***"Hu proprju ghalhekk li r-Regolament 53 tal-Motor Vehicle Regulations jiddisponi li kull persuna li jkollha licenzja ta' vettura li tkun tista' tiggedded taht ir-regolamenti, ghandha, kemm il-darba ma jkollhiex il-hsieb li ccediha, ggedded dik il-licenzja fiz-zmien stabilit skond il-ligi u dan l-obbligu jispicca*** *biss* ***jekk dik il-persuna ,*** *qabel ma taghalaq il-validita' tal-licenzja,* ***tgharraf bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, skond il-kaz, li ma tkunx bi hsiebha ssuq xi vettura bil-mutur*** *u jekk, mhux aktar tard mill-ahhar jum tal-validita' taghha, tikkonsenja l-karta tal-licenzja* ***relattiva lill-Kummissarju jew Awtorita' biex ihassruha. Ma jirrizultax li dan kien il-kaz anzi jirrizulta li wara hafna zmien l-appellata spiccat hallset l-ammonti dovuti ghall-licenzja tal-vettura fid-19 t' Ottubru, 2004 ghall-periodu minn April, 2002 sal-ahhar ta' Marzu, 2005 u b'hekk implicitament accettat li dik il-licenzja suppost li giet imgedda ghall-periodu mertu tac-citazzjoni w ma ggeddidtx."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-istess jidher li gara f' dan il-kaz. L-appellat ghal diversi snin ittraskura li jgedded il-licenzja tal-vettura w kien biss meta gie skopert dan l-istat ta' fatt li fid-19 ta' Jannar, 2006, hallas l-arretrati kollha tal-licenzja tal-vettura in kwistjoni. Fil-frattemp ma jirrizultax li hu kien ha l-passi kontemplati fil-proviso tar-regolament 15(3) tar-Regolamenti dwar Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur [ L.S. 65.28] biex jgharraf bil-miktub lill-Awtorita dwar it-Trasport li l-vettura ma kienetx ser tintuza fit-triq ghal periodu ta' zmien u li tkun ser titqieghed f' garage f' post specifikat matul l-imsemmi periodu li ma tkunx ser tintuza u biex jikkonsenja c-certifikat relattiv tal-vettura bil-mutur u l-pjanci tan-numru tal-vettura relattiva lill-Awtorita'.**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher pjenament gustifikat fil-mertu w qed jigi akkolt.**

**Issa, skond it-tieni Skeda tal-Kap.65 il-piena ghal nuqqas ta' tigdid tal-licenzja ta' vettura hija ammenda ta' tletin lira Maltin (LM30). Bl-applikazzjoni tal-addebitu kontenut fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, din il-piena tizdied bi grad ghall-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur skond l-artikolu 31 (1) (g) tal-Kodici Kriminali.**

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-imputazzjoni w l-addebitu taht l-artikolu 141 dedotti kontra tieghu w minnhom lliberatu, w minnflok tiddikjarah hati tal-ewwel imputazzjoni w cioe' talli fid-19 t' Ottubru, 2005, u matul ix-xhur u snin ta' qabel, sa mis-sena 1998, f' dawn il-Gzejjer, bhala sid tal-vettura DBD-564 , naqas li jara li jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, kif ukoll tal-addebitu li bhala ufficjal pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu d-dmir li jissorvelja biex dan ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu ta' membru tal-Korp tal-Pulizija kien fid-dmir li jimpedixxi li jsir w, wara li rat ir-regolament 53 tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta' l-1994) u t-Tieni Skeda tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) u l-artikoli 31 (1) (g) u 141 tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghall-hlas ta' hamsin lira Maltin (LM50) multa.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------